MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 449/2011

G. Molton Company Limited (C-2218).

Vs

David Borg.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ hames mija u tlieta u tmenin ewro u erba u sittin centezmu (€583.64) minghand il-konvenut, rapprezentanti prodotti ta’ zebgha, thinners, sand paper u prodotti ohra mibjugha u kkonsenjati lillu mis-socjeta’ attrici. U minkejja li gie interpellat sabiex ihallas permezz ta’ ittra legali tas-7 ta’ Marzu 2011, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ hames mija u tlieta u tmenin ewro u erba u sittin centezmu (€583.64), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------